

32001R0784

L 113/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.4.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 784/2001****tat-23 ta' April 2001****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1227/2000 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, fir-rigward tal-potenzjal tal-produzzjoni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid<sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jippreskrivu li l-istrutturar u l-konverżjoni ta' l-egħlieqi tad-dwieli jinvolve t-tagħżiq u t-tħawwil mill-ġdid ta' żoni li fihom jtkabbar l-għeneb għall-inbid u li jkunu jidħlu fil-pjanijiet imfassla mill-Istati Membri. Madankollu, f'ċerti każi s-sitwazzjoni strutturali teħtieġ li jiġu assenjati drittijiet ġodda għat-tħawwil. L-assenjazżjoni ta' dawn id-drittijiet trid tkun limitata strettament għaż-żona meħtieġa mill-aspett tekniku biex jiġi milħuq l-għan ta' l-istrutturar. Dik il-possibiltà għandha għalhekk tiġi kkunsidrata u għandhom jiġu miżjuda d-dispożizzjonijiet konċernati.
- (2) Fil-prattika, il-ħidmiet agricoli involuti biex tiġi strutturata u konvertita għalqa tad-dwieli jitwettqu fuq roqgħa art kull darba. Bil-għan li jitħaffef it-tweġiq tal-pjanijiet, il-kondizzjonijiet li bihom il-produtturi jikkwalifikaw għal ħlas ta' għajnuna bil-quddiem għandhom jiġu stipulati qabel ma tkun imwettqa xi miżura partikolari.
- (3) Il-kliem ta' l-Artikolu 16(1)(a) m'huwiex riprodott b'mod korrett fil-Lista 4.1 ta' l-Anness (ħliet fil-verżjonijiet bil-Portugiż, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Finlandiż). Biex ma jkunx hemm taħwid, iż-żewġ testi għandhom jiġu armonizzati.

- (4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni dwar l-Inbid ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat mill-Presidenza tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000<sup>(3)</sup> huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 13(c), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
 

“Dawk ir-regoli għandhom ikopru l-użu ta' drittijiet ġodda ta' tħawwil. Għandhom jippreskrivu li dawn id-drittijiet jistgħu jintużaw biss fejn ikun hemm il-ħtieġa teknika neċessarja u ma jstgħux jeċċedu l-10 % taż-żona totali li tkun fil-pjan. Ir-regoli għandhom jiddisponu għal tnaqqis xieraq fl-għajnuna mogħtija għaż-żoni konċernati.”
2. Fl-Artikolu 15(c), wara l-kliem “fir-rigward ta' miżura oħra”, jiżdied dan li ġej:
 

“fuq l-istess roqgħa art”.
3. Fil-Lista 4.1 fl-Anness (ħliet fil-verżjonijiet bil-Portugiż, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Finlandiż) in-nota (2) t'hawn taħt tiġi sostitwita:
 

“L-ispiża sad-data murija (L-Artikolu 16(1)(a) ta' dan ir-Regolament).”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 143, tas-16.6.2000, p. 1.